**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gilbert Busuttil**

**Appell Nru: 47/2018**

**Illum, 14 ta' Novembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Gilbert Busuttil** detenur tal-karta tal-identita Maltija **586785M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

U nakkuzah talli nhar is- 6 ta' Frar 2017, gewwa dawn il- gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu

tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet ftali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

2. Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G. N * 0.292/1939 ) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet ftali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Forna jew ipprokura jew offra li iforni jew li jipprokura id-droga Eroina specifikata fl-ewwwel skeda uta' L-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien zwtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontoll intern tad-drogi perikoluzi (G>N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill_presient ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kien fil-pusss ta awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principalil tal-Gvern skond id-=disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta l-Ordinanza imsemmija u mninghajr ma kellu licenzja jwe cort ohra awtorizzat li jimmanifattura jw iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi

ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall control intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 202/1939) kif sussegwentement enmendat bi ksur ta' l-Ordi9nanza dwar il-MEdicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Forna jew ipprokura jew offra li iforni jew li jipprokura id-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda u tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien zwtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontoll intern tad-drogi perikoluzi (G>N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill_presient ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kien fil-pusss ta awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principalil tal-Gvern skond id-=disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta l-Ordinanza imsemmija u mninghajr ma kellu licenzja jwe cort ohra awtorizzat li jimmanifattura jw iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall control intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 202/1939) kif sussegwentement enmendat bi ksur ta' l-Ordi9nanza dwar il-MEdicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

6. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill- Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

7. Talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal- esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Jannar 2018, fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, filwaqt illi sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' (din tal-ahhar in kwantu traffikar by sharing) imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva - mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mal-akkuzi li taghhom instab hati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal- Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il- bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, astjeniet milli, tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal- inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, disgha u tmenin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€289.45) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta' hamsa u tmenin ewro, wiehed u disghin centezmu ( E 85.91) b'kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u sebghin ewro, sitta u tletin centezmu (€375,36), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga esebiti bhala Dokument GM hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta 1- procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il- kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Gilbert Busuttil prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Frar 2018 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tbiddel is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija u tiddikjara lill-appellanti mhux hati tal-akkużi addebitati lilu, subordinament u bla preġudizzju għas-suespost l-appellanti jitlob li l-istess sentenza tiġi riformata kwantu ghal piena u dana billi taghti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-appellant umilment qed jinterponi dan l-Appell mis-Sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qort ma messitx sabet il-htija fir-rikorrenti.

Illi subordinament, kellha tingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu illi l-Ispettur Gabriel Micallef u l-Ghassa ta' Tas-Sliema kienu rċevew informazzjoni dwar suspett ta' traffikar ta' droga min-naħa ta' persuni li kienu fil-kamra bin-numru 306 ġewwa l-Kennedy Nova Hotel.

L-Ispettur Jonathan Ransley, flimkien ma' PS 157 Brian Mifsud, WPC 257 Leanne Sant u PC 1084 Sven Sammut marru fl-imsemmija lukanda, ottjenew *master key* tal-kamra

bin-numru 306 u daħlu fl-istess kamra fejn hemmhekk kien hemm l-appellant (Gilbert Busuttil), Liza Pace u Clint Zammit.

Fil-kamra kien hemm *double bed* u l-appellant kien bilqedgħa fuq ix-xellug tas-sodda, Zammit kien bilqedgħa fuq il-lemin tas-sodda u Pace ġiet innutata hierga mill-kamra tal-banju fl-istess kamra.

Il-Pulizija innutaw li fil-kamra kien hemm oġġetti relatati mal-abbuz tad-droga - biċċiet tal-foil u pipa fuq is-sodda - u għalhekk it-tlett persuna msemmija ġew infurmati li kienu taht arrest.

Illi fuq il-persuni tal-appellant (Gilbert Busuttil) u ta' Zammit ma nstab xejn, iżda hekk kif WPC 256 marret biex tagħmel tfittxija fuq Liza Pace, PC 1084 Sven Sammut innota lil Pace timbotta żewġ boroż b'idejha mill-*hoodie* li kienet liebsa u titfaghhom ma l-art u wara tipprova tghattihom b'saqajha.

Illi irriżulta li f'borza minnhom kien hemm diversi *sachets* b'sustanza bajda u kannella u fil- borza l-oħra kien hemm trab kannella.

Illi meta tkompliet it-tfittxija fil-kamra instabu wkoli pakkett imdawwar b'*tape* tad-dawl taħt is-sodda, miżien diġitali li kien mal-qiegh tas-sodda u li waqa' meta din ġiet mgħollija sabiex issir it-tfittxija kif ukoll *tape* simili għal dak li nstab mal-pakkett imsemmi mwahhal ma' plastik li kien qed jghatti l-*fire detector* fil-kamra. Instabet ukoll mgharfa mgħawwga f'kaxxa tat-*tissues* ġewwa l-kamra tal-banju u flixkun tal-ammonia fuq xkaffa ta' waħda mill- kommodini.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-17 ta Ottubru 2024 u cxioe li l-appellant fil-presenza talavuakt difensur tieghu jirregistrrа ammissjoni fir-rigward tal-akkuzi li kien instab hati taghhom mill-ewwel Qorti u irremetta ruhu ghal piena. Dwar piena l-Avuakt Generali stqarr li kien qed ihalli l-gudizzju f'idejn din l-Onorabbli Qorti.

**Ikkunsidrat**.

Illi l-appellant kien interpona umli appell mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar l-24 ta' Jannar 2018 fejn sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza (din tal-ahhar in kwantu traffikar *by sharing*) u kkundannatu prigunerija ta' hdax il-xahar mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mal-akkuzi li taghhom instab hati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u dan ghaliex fir-rigward tal-akkuzi l-ohrasalv is-sitt akkuza kien instab mhux hati u konsegwentment kien gie liberat minnhom. Dwar is-sitt akkzua l-ewwel Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni taghha stante li din l-akkuza kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni waqt il-proceduri.

Ghalhekk l-appellant instab hati talli nhar is-6 ta' Frar 2017, gewwa dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u tar-reat ta' traffikar ta' Kokaina ghal skop ta' sharing.

L-appellant irregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti ghal dawn it-tlett akkuzi fl-ahhar seduta li kien hemm appuntata ghas-smiegh ta' din il-kawza qabel ma giet differita ghas-sentenza.

Issa jinghad l-ewwel nett kif anke gie imfisser fis-sentenza ta din il-Qorti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Stanley Spiteri</u>** deciza fis-16 ta' Ottubru, 2016 illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad

mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**, 2 ta' Dicembru 2005).

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Page 8 of 12 Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti: -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat*

Din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall- każ.

Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil **xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti**. (kif sehh fil-kaz in desamina).

Illi huwa minnu li dan il-kaz dam quddiem din il-Qorti ghal zmien konsiderevoli u dan ghaliex l-appell tal-appellant gie intavolat fil-5 ta' Frar 2018 pero nhar it-12 ta' Frar 2020 l-appellant kien talab lil dik il -Qorti tigi konvertita f'Qorti ta' Droga u b'risposta prezentata mill-Avukat Generali nhar il-14 ta' Frar 2020 dan iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali talba.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta moghti nhar it-8 ta' Ottubru, 2020 fejn cahdet kul pregudizzju li tqajjem mill-Avukat Generali fir rigward ta' din it-talba ghall-konversjoni u fejn ordnat il-kontinwazzjoni tal-kaz.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Moses Camilleri** moghtija nhar l-10 ta' Dicembru 2020 u dan kkonferma li jahdem bhala tabib mal-Agenzija-Sedqa u qal li l-appellant ilu jattendi ghas servizzi taghhom sa minn qabel is-sena 2017 pero huwa ghandu noti dwar meta kien rah hu u cioe fi tlett okazzjonijiet u cioe f'Marzu, April u Mejju 2017. F Marzu u April kien rah meta kien taht arrest u kien mal-pulizija izda f'April kien mar minn rajh jitlob l-ghajnuna. Qal li meta rah f'Marzu 2017 l-appellant kien qed ibati minn *withdrawal symptoms* u kien ghalhekk li talab l-ghajnuna. Dak iz-zmien kien qed juza id-droga Eroina u kien tah medicina Methadone biex inaqqaslu s-severita ta' dawk il-w*ithdrawals* li kellu. Jikkonferma li dak iz-zmien kien posittiv ghal Eroina.

Rat ix-xhieda tal-**Correctional Officer David Mellors** moghtija nhar l-14 ta Ottubru 2021 fejn stqar li kemm ilu il-habs l-appellant ittihdu diversi testijiet tal-awrina tieghu u dan mis-sena 2017 sa Jannar 2021 u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal presenza

ta' sustanzi illeciti salv ghal wiehed li gie mhud fit-28 ta Dicembru 2019 meta kien posittiv ghal methadone meta ma kienx gie preskritt lilu.

Rat ix-xhieda ta' **Anthony Busuttil,** missier l-appellant moghtija fl-istess jum ta' l-10 ta' Dicembru 2020 u qal li sar jaf li ibnu kellu problema ta' droga meta kien tah karozza fis-sena 2008 u kien habat biha. Qal li in segwitu kien anke tah post u wara ftit kien induna li kien hemm xi affarijiet neqsin u ghalhekk gharaf li l-problema ta' ibnu kienet wahda kbira u maz-zmien kibret hafna. Kien beda ipartat l-affarijiet tal-post mad-droga u ghalhekk kien keccieh il-barra. Tant kien inkwetat li kien anke gibidlu l-pledge li kien ghamillu.

Spjega pero li minn dak iz-zmien 'l hawn qed jara progress kbir fih u dan jafu ghaliex meta ikun hazin lanqas liz-zewg uliedu ma jghati kaz. Illum qed jghati kazhom u isaqsih ghat-tfal meta icempillu mill-habs.

Rat ix-xhieda ta' **Elaine Micallef** moghtija nhar l-10 ta' Dicembru 2020 u tghid li kienet tahdem mal-appellant fis-sena 2015 u tafu fiz-zmien meta kien il-habs u kien johrog jahdem. Tghid li anke ghamlu xi zmien jghixu flimkien. Tghid li saret taf li kellu problema ta' droga u ma baqghetx tghix mieghu. Taf li kien spicca hazin u kien anke tkecca minn fejn kien qed jghix u spicca jigri barra. Taf li ghamel zmien anke jghix f'karru ta' ziemel. Kien fi stat hazin sahansitra lanqas jinhasel. Tghid li baqghet fir-relazzjoni mieghu u meta spicca l-habs kienet tmur tarah. Qalet li meta kien il-habs Gilbert inbidel hafna u waqaf jiehu d-droga u il-mod kif jitkellem maghha inbiddel ukoll u deher li kien qed jirranga.

Rat id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Frar 2021 meta din il-Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Droga[1] u irreferiet il-kaz quddiem il-Bord ta' rihabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga.

[1] Fol. 376 ta l-atti

Rat in-nota tal-Bord ta′ rihabilitazzjoni ta′ persuni li inqabdu bid-droga datat 4 ta′ Jannar 2023 fejn stqarr li l-appellant kellu jsegwi l-careplan tieghu altriment ikollu jghalaq l-kaz mhux b′success.

Rat li dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta b′digriet tas-Sinjorija tieghu l Prim Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta′ Marzu 2024 l-Qorti giet infurmata li l-appellant kien ser jibda isegwi programm ta′ rihabilitazzjoni fid-9 ta′ April 2024 Dicembru 2023.

Rat in-nota tal-Bord ta′ rihabilitazzjoni ta′ persuni li nqabdu bid-droga datat 23 ta′ Awwissu 2024 fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord ghalaq il-kaz tal-appellant b′success u nota ohra datata 2 ta′ Ottubru 2024 fejn stqarr li kien kuntent bir-rihabilitazzjoni tal-appellant u li kien lahaq il-progress mixtieq.

Illi din il-Qorti rat ghalhekk li dawn ir-reati li sehhew fi Frar 2017 saru fiz-zmien meta l-appellant kien mahkum bil-vizzju tant mishut tad-droga u li llum wara li nghata s-sentenza tal-ewwel Qorti l-appellant gharaf jindirizza tali vizzju tant mishut, tant li segwa programm ta′ rihabilitazzjoni u segwa l-proceduri quddiem il-Bord ta′ Rihabilitazzjoni ta′ Persuni li nqabdu bid-droga b′success. Huwa minhabba dan is-success registrat fl-andament tal-appellant li din il-Qorti sejra tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita′ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz li ghamel kif registrat f'din il-kawza huwa wiehed genwin.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qeda tikkonferma l-ewwel sentenza in toto u cioe li ssib lill-appellant hati tal-ewwel, it tieni u r-raba akkuza ta' traffikar by sharing u mhux hati tar-reati l-akkuzi l-ohra fejn illiberatu minnhom salv ghas-sitt akkuza minn liema akkuza l-ewwel Qorti kienet astjeniet li tiehu konjizzjoni taghha stante li giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena imposta ghall-akkuzi misjuba hatja din il-Qorti sejra tikkonferma l-perijdou ta' hdax il-xahar ta' prigunerija pero bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali qeda tissospendi tali terminu ghall-perijodu massimu premess mill-ligi ta' erbgha snin.

Tikkonferma ukoll il-multa inflitta mill-ewwel Qorti ta' elf u mitejn euro (€1,200) b' dan illi tista tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' €50 fix-xahar ai terminu tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mill-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tikkonferma l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, disgha u tmenin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€289.45) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta' hamsa u tmenin ewro, wiehed u disghin centezmu (€85.91), b'kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u sebghin ewro, sitta u tletin centezmu (€375.36), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mill-lum

Bhall-ewwel Qorti ukoll tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga esebiti bhala Dokument GM hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li

jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruz

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**